C/2025/1138

14.2.2025

Sommarju tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-28 ta' Ġunju 2021

skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003

fil-Każ AT.39914 - Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro

(notifikata permezz ta' dokument numru C (2021) 4600)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2025/1138)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]). *F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kull penali imposta, filwaqt li jitqies l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni tinsab fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/)*

INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni timponi mill-ġdid multa fuq HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC France (minn hawn 'il quddiem flimkien "HSBC") talli kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

PROĊEDURA

(2) Fl-4 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 8512 (id-"Deċiżjoni dwar ir-Riżolviment tal-2013"). Id-Deċiżjoni ta' Riżolviment tal-2013 imponiet multi fuq diversi entitajiet legali ta' erba' impriżi - Barclays, Deutsche Bank, RBS u Société Générale - għall-parteċipazzjoni tagħhom f'kartell fir-rigward tad-Derivattivi tal-Imgħax f'Euro.

(3) Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 8530 (id-"Deċiżjoni tal-2016"). Id-Deċiżjoni tal-2016 imponiet multi fuq diversi entitajiet legali ta' tliet impriżi oħra - Crédit Agricole, HSBC u JPMorgan Chase - għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-istess kartell. Ġiet imposta multa ta' EUR 33 606 000 fuq HSBC għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-akkordju bejn t-12 ta' Frar 2007 u s-27 ta' Marzu 2007.

(4) Fl-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali tat sentenza dwar l-applikazzjoni ta' HSBC għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-2016 (is-"Sentenza") ([2]). Fis-Sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq il-mertu, bl-eċċezzjoni ta' żewġ kuntatti li għalihom il-Kummissjoni kienet naqset milli turi l-karattru antikompetittiv. Is-Sentenza endorsjat il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-multi. Din il-metodoloġija applikat indikatur għall-valur tal-bejgħ ibbażat fuq riċevuti ta' flus skontati. Madankollu, is-Sentenza qieset li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdi spjegazzjonijiet suffiċjenti tar-raġunijiet għaliex ir-riċevuti ta' flus ġew skontati bi 98,849 %. Fuq din il-bażi, il-multa imposta fuq HSBC ġiet annullata.

(5) Fit-8 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni infurmat lil HSBC dwar l-intenzjoni li temenda d-Deċiżjoni tal-2016 u tadotta mill-ġdid il-multi. HSBC kien ipprovdut bi spjegazzjonijiet ulterjuri tal-parametri użati biex jiġi stabbilit il-fattur ta' tnaqqis għall-iskontar tar-riċevuti ta' flus ta' 98,849 %. HSBC ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar dawn l-ispjegazzjonijiet bil-miktub fl-14 ta' Lulju 2020 u fl-14 ta' Mejju 2021.

(6) Fit-23 ta' Ġunju 2021, ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv fil-Qasam ta' Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

([2]) Il-Każ T-105/17, *HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc, HSBC France vs il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2019:675.

VALUTAZZJONI LEGALI

(7) Dan l-abbozz ta' Deċiżjoni huwa indirizzat biss lil HSBC u ma fih l-ebda oġġezzjoni ġdida. Bl-ebda mod ma jikkonċerna d-destinatarji l-oħra tad-Deċiżjoni tal-2016.

(8) L-abbozz ta' Deċiżjoni jsib li l-HSBC ipparteċipa fi ksur tal-Artikolu 101 tat-Trattat u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-2016.

RIMEDJI

(9) Il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-multa ta' HSBC hija stabbilita fid-Deċiżjoni tal-2016.

(10) Madankollu, l-abbozz tad-Deċiżjoni jispjega f'aktar dettall għaliex ir-riċevuti ta' flus huma skontati b'fattur ta' tnaqqis ta' 98,849 %, abbażi ta' erba' elementi:

(i) in-netting fin-negozjar tad-derivattivi b'mod ġenerali;

(ii) in-netting inerenti għall-industrija tal-EIRD b'mod partikolari;

(iii) l-iskala relattiva tal-varjazzjonijiet fil-prezzijiet fis-settur tal-EIRD; u

(iv) il-fattur ta' tnaqqis applikat fid-Deċiżjoni ta' Riżolviment tal-2013.

(11) L-abbozz tad-Deċiżjoni jżid ukoll it-tnaqqis ta' 10 % mogħti lil HSBC fid-Deċiżjoni tal-2016 għar-rwol aktar periferali/minuri tiegħu għal 15 %. Din iż-żieda tqis il-konstatazzjonijiet tas-Sentenza li l-karattru antikompetittiv ta' żewġ kuntatti ma ġiex ippruvat biżżejjed, u taċċetta li dan jista' jkollu impatt kemm fuq l-intensità tal-parteċipazzjoni ta' HSBC kif ukoll fuq l-għarfien tiegħu tal-ksur uniku u kontinwu. Għaldaqstant, il-multa hija stabbilita għal EUR 31 739 000.